MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 362/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. Walter Spiteri)**
**Vs**
**Saviour Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli matul ix-xahar ta' Frar, 2005, f'dawn il-Gzejjer, b'eghmil zieni, kkorrompa lil tfajla minorenni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 t'Ottubru, 2007, li biha, wara li rat l-artikolu 203 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati skond l-akkuza w ikkundannatu ghal sentejn u disa' xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 t'Ottubru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-

sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu s-sejbien ta’ htija in vista ta’ l-ammissjoni bikrija tieghu, pero’ tbiddilha in kwantu ghal piena, b’hekk li tigi applikata piena aktar adegwata ghall-kaz skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' li l-Ewwel Qorti naqset milli tapplika principju procedurali dwar tnaqqis ta' piena affermat fil-gurisprudenza kull meta jkun hemm ammissjoni bikrija kontra persuna akkuzata b' reat u naqset ukoll milli tivvaluta certi fatti li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni dwar tnaqqis fil-piena f' dan l-kaz. Dawn senjatament huma: li l-appellant ammetta l-htija tieghu mall-ewwel mall-Pulizija *a tempo vergine* kif ukoll fil-Qorti fl-ewwel okkazzjoni li kellu mal-prezentata. F' dal-kaz l-akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni tinvolvi minuri wahda w mhux diversi persuni. L-appellant ghandu kondotta nadifa w qatt ma kellu kazijiet ohra simili. Li ghalkemm l-appellant u l-minuri ltaqghu fuq il-bus tal-iskola minnu misjuqa, kienet hi li cemplitlu w hu bl-ebda mod ma pprova jirrovina l-hajja skolastika tal-minuri . Li jekk wiehed jara l-messaggi ta' mhabba li baghtet il-minuri lill-appellant, wiehed jara li ma kienx hemm trawma evidentissima fil-minuri minnhabba r-relazzjoni mal-appellant. Illi meta l-minuri hadet xi *overdose* ta' pilloli dan sar ghax il-genituri taghha kienu jopponu - bir-ragun- ghar-relazzjoni bejn il-minuri w l-appellant. Dan mhux kaz ta' tfajla li giet sfurzata mill-appellant. Li l-minuri kienet taf li l-appellant kien mizzewweg u kellu t-tfal u ghalhekk ma kienx kaz ta' adult li ried jinganna lill-minuri. Din-it-tfajla kellha x' taqsam erba darbiet in fila fl-istess lejl mal-appellant u ghalhekk mhux verosimili li ma kellhiex relazzjonijiet sesswali qabel dan l-inkontru mall-appellant li jghid li t-tfajla qaltlu li kien zvergnaha ragel ta' 26 sena. Dan il-lejl ta' sess gara darba pero' u kien kaz ta' adult li zbalja imma li ma rrepetriex l-istess zball darb' ohra. L-appellant ghad ghandu biss 31 sena, mizzewweg b' erbat itfal u wiehed iehor. Hu *sole*

*bread winner* u martu hafritlu. Li n-numru tal-karta tal-identita imnizzel fl-akkuza u fis-sentenza mhux korrett ghax minnflok 464273M, tnizzel 464723M.

Semghet lil missier il-minuri li, meta l-Qorti spjegatlu l-pozizzjoni, baqa' jinsisti li l-appellant ghandu jintbaghat il-habs.

Semghet it-trattazzjoni,

Rat l-Ordni Taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell hu limitat ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Issa l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara: **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"** [14.6.1999] **,** **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u hafna sentenzi ohrajn.)

F' dan il-kaz il-piena moghtija hija kwazi l-massimu li setghet tinghata mill-Ewwel Qorti skond l-artikolu 203 (1) tal-Kodici Kriminali ghar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni kif ammess mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti w f' dan il-kaz ma jirrizultax li l-appellant kien gie akkuzat b' xi wiehed mill-aggravanti imsemmija fil-proviso tal-istess artikolu, tant li l-Ewwel Qorti ma ccitat ebda wiehed mill-ipotesijiet kontemplati fl-istess proviso fil-parti dispozittiva tas-sentenza appellata ghalkemm irrimarkat li l-appellant erronjament ma giex akkuzat b' dawn l-aggravanti mill-Prosekuzzjoni.

Illi ma hemmx dubju li l-atti ripetuti - sija pure f' lejl wiehed - ta' kongungiment karnali komplet ma' tfajla ta' erbatax il-sena, sia pure *"coitus interruptus"*, jammontaw ghal atti ta' libidini li jikkostitwixxu l-element materjali tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni fl-estremi tieghu. (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Micallef"** [13.11.1998] ; "**Il-**

**Pulizija vs. Kelinu Mifsud"** [8.1.1955]; **"Il-Pulizija vs. Andrew Bonnici"** [23.1.1998]; **"The Police vs. Thomas Wiffen"** [8.1.1996]; **"Il-Pulizija vs. James Demanuele"** [2.10.2000] ; **"Il-Pulizija vs. A. B."** [11.5.2005]; "**Il-Pulizija vs. John Buttigieg"** [12.9.2005**]; "Il-Pulizija vs. Michael Borg"** [10.9.2007] u ohrajn) u dan l-appellant mhux qed jikkontestah.

Meta giet biex teroga l-piena l-Ewwel Qorti qalet li kkonsidrat l-ammissjoni bikrija tal-appellant, il-fedina penali pjuttost nadifa, il-fatt li hu kap ta' familja b' hamest itfal, il-fatt li martu hafritlu, fost konsiderazzjonijiet ohra, pero' ziedet tghid li ma giet rinfaccjata b' ebda cirkostanzi specjali w straordinarji li taghmilha possibbli ghaliha li tikkonsidra l-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghat-tnaqqis tal-piena stabbilita mill-ligi, li hija sa massimu ta' tlitt snin.

Ikkonsidrat;

Li pero' ghandu jigi mill-ewwel rilevat li l-Ewwel Qorti ma kellhiex bzonn tkun sodisfatta li hemm cirkostanzi specjali w straordinarji biex minnhabba fihom tapplika l-artikolu 21 f' dan il-kaz biex teroga piena inqas milli erogat. Il-piena stabbilita ghar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni minghajr l-aggravanti imsemmija fil-proviso tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 203, hija dik ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlitt snin. Ghalhekk kienet libera li taghti kull piena ta' prigunerija inqas minn tlitt snin sa gurnata prigunerija, minghajr il-htiega li tapplika l-artikolu 21. Fil-fatt spiccat erogat piena inqas minn tlitt snin fis-sentenza appellata.

L-appellant ressaq diversi aggravji li jew huma frivoli jew huma addiritura inkonsegwenzjali bhal meta qal li hu ghandu biss 31 sena w li hu mizzewweg u ghandu hamest w itfal li martu hafritlu, li hu ikkorrompa minuru wahda biss u li ma ipprovax iharbat il-hajja skolastika tal-minuri. Dawn l-aggravji ma humiex qed jigu accettati minn din il-Qorti.

Pero' l-appellant jissottometti li hu ma nghatax il-beneficcju tal-ammissjoni bikrija tieghu b' riduzzjoni fil-piena. Din il-Qorti tosserva qabel xejn li kif gie ritenut

(minn din il-Qorti kolleggjalment komposta) fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Camilleri*** (5 ta' Lulju, 2002) l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena. Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha tal-24 ta' Frar, 1997 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi***, u dan b'referenza ghall-prassi fil-Qrati Inglizi. F'dik is-sentenza kienet saret referenza ghal bran mill-edizzjoni tal-1991 ta' **Blackstone's Criminal Practice** (Blackstone Press Limited). Din il-Qorti ser tirriproduci il-bran relevanti mill-edizzjoni tal-2001 ta' dan il-manwal, u dan peress li hija taqbel mal-principji espressi f'dana l-bran u qed taghmilhom taghha[1]:

"**Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate 'discount' has never been fixed. In *Buffery* (1992) 14 Cr. App. R. (S) 511 Lord Taylor CJ indicated that 'something in the order of one-third would very often be an appropriate discount', but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount, the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount (*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347) and/or given significant help to the authorities (*Guy* [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24). Where an offender has been caught red-handed and a guilty plea is inevitable, any**

[1] S'intendi, dan kollu li ser jinghad huwa bla pregudizzju ghal dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi li jipprovdu ghal tnaqqis fil-piena meta javveraw ruhhom certi cirkostanzi espressament imsemmija fl-istess disposizzjonijiet: ez. l-Artikoli 89, 200(1) u 337 tal-Kodici Kriminali, jew l-Artikolu 29 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101).

**discount may be reduced or lost (*Morris* (1988) 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* (1995) 16 Cr. App. R. (S) 908). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* (1985) 82 Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199). Similarly, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 415. The leading case in this area is *Costen* (1989) 11 Cr. App. R. (S) 182, where the Court of Appeal confirmed that the discount might be lost in any of the following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea', where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender had been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain. It was also established in *Costen* that the discount may be reduced where the accused pleads guilty to specimen counts. In *Byrne* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 165 it was held that an offender who had absconded and remained at large for 19 months was not entitled to expect a discount for his guilty plea when he pleaded guilty after being re-arrested."** (sottlinear ta' din il-Qorti)

Fil-kaz in dizamina ma hemmx dubbju li l-appellant ammetta mal-ewwel mal-pulizija, pero' meta deher quddiem l-Ewwel Qorti fil-prezentata, kien wiegeb li ma kienx hati (Fol.7 tal-process). Kien umbaghad fit-tieni seduta meta kienet ser tibda l-kumpilazzjoni li hu rregistra ammissjoni (Fol. 17). Ghalhekk ghalkemm mhux preciz l-appellant meta fir-rikors tieghu jghid li rregistra ammissjoni mal-prezentata tieghu, indubbjament hu ghamel dan qabel ma bdew jinstemghu x-xhieda w ghalhekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz huwa ghandu jibbenefika mid-"*discount*" kollu li tista' taghtih din il-Qorti.

Din il-Qorti tara ghalhekk li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, ghall-inqas l-appellant kien zgur jimmerita riduzzjoni fil-piena ta' terz fuq il-piena massima ta' tlitt snin prigunerija.

Illi umbaghad f' dan il-kaz jidher car li l-minuri hadet certa inizjattiva biex kebbset fl-appellant il-hajra li jkollu x' jaqsam maghha. Meta hu kien qal x' kien in-numru tal-mobile tieghu hadet il-briga li tiktbu biex tiftakru. Kienet hi li umbaghad cemplitlu biex hu jkollu l-mobile phone number taghha biex hu jkun jista' jcemplilha. Meta darba cemplilha l-Hadd filghaxija w stedina tmur mieghu iwasslu n-nies , wara xi titubar accettat u wara li qalet lill-genituri taghha li kienet sejra ghand habiba taghha tara DVD, minnflok marret mall-appellant bejn id-9 u l-11pm. Wara bdew johorgu flimkien u jitbewwsu w wara xi zmien kien qalilha li ried ikollu x' jaqsam maghha w ghalkemm ghall-ewwel qaltlu le, wara accettat u tat il-kunsens taghha w f' okkazzjoni wahda kellha x' taqsam mieghu erba darbiet bil-"*coitus interruptus"*. Irrizulta ukoll li f' dan iz-zmien kienet tibghatlu ripetutament messaggi ta' imhabba bl-SMS. Kienet taf mall-ewwel li l-appellant kien mizzewweg u kellu t-tfal. Kienu hargu f' diversi okkazzjonijiet ohra imma kienu jitkellmu biss. (ara xhieda tal-minuri fol.25 et seq.)

L-appellant fl-istqarrija tieghu jghid li l-minuri kienet qaltlu li kien diga' zvergnaha ragel ta' sitta w ghoxrin sena. (fol.5)

Issa ghalkemm il-Qrati taghna saggjament ma jaccettawx id-difiza bazata fuq *"corrupta non corrumpitur"* u l-korruzzjoni precedenti tal-minuri ma hix ta' ostakolu ghall-kommissjoni ta' dar-reat, il-fatt li l-vittma tkun gja giet esposta ghall-attivita' sesswali, jista' f' certi kazi jitqies ghall-fini tal-piena.

S' intendi dan bl-ebda mod ma jiggustifika l-fatt li l-appellant waqa' ghal din it-tentazzjoni w dahal f' relazzjoni ta' imhabba avventuruza ma din it-tfajla immatura, meta suppost tant kellu responsabbiltajiet ohra familjari li jokkupaw l-attenzjoni tieghu. Hu gie ha vantagg minn

sitwazzjoni li giet prezentata lilu fuq platt mit-tfajla imma ma gharafx jirrezisti. Anzi kien hu li wassal lit-tfajla biex ikollha x' taqsam mieghu sia pure mhux b' qerq jew vjolenza. Ta' dan l-eghmil irid jiffaccja l-kastig li tipprovdi l-ligi w cioe' l-piena karcerarja.

Ghalhekk - bhall-Ewwel Qorti - ma tarax li fic-cirkostanzi ghandha tapplika piena jew xi provvediment li ma jkunx jirrestringi l-liberta' tal-appellant.

Meta giet biex tikkalibra l-piena xierqa ghall-kaz, hadet kont ta' riduzzjoni ta' terz mill-massimu ta' tlitt snin prigunerija, li l-appellant ghandu kondotta kwazi netta hlief ghall-infrazzjoni wahda tal-Ligi dwar il-Valur Mizjud (VAT), kif ukoll ic-cirkostanzi fuq esposti dwar l-inizjattivi li hadet il-minuri f' din ir-relazzjoni amoruza.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn sabet lill-apellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu w tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta' sentejn u disa' xhur prigunerija w minnflok, tikkundanna lill-appellant ghal sentejn prigunerija.

L-isem tal-minuri, tal-genituri taghha w fejn toqghod, m'ghandux jigi pubblikat biex tigi protetta l-identita' tal-istess minuri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------